**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2015 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-EŻAMINATURI

## 1. Dawk li m'għandhomx aċċess għat-teknoloġija l-ġdida

- Inti x'tifhem biha meta ngħidu "t-teknoloġija l-ġdida"?
- Normalment inkunu qed nirreferu għall-internet u għat-telefonija ċellulari. Taqbel?
- Min huma dawk in-nies f'Malta li m'għandhomx aċċess għal din it-teknoloġija l-ġdida? Għaliex? Minħabba nuqqas ta' flus jew għax ma jridux jużawha?
- Taħseb li dawn in-nies jinkludu l-anzjani u l-fqar?
- Skont statistika li ħarġet f'Marzu tal-2015, fi 80% tad-djar f'Malta u Għawdex kien hemm aċċess għall-internet. Kważi 240,000 ruħ, jiġifieri 73% tal-popolazzjoni ta' bejn 16 u 74 sena, kienu qed jużaw l-internet b'mod regolari. Kont qed tistenniehom dawn il-figuri?
- Xi żvantaġġi jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom dawk li ma jużawx il-mobile jew l-internet?
- Hemm ħafna pajjiżi fejn il-biċċa l-kbira tan-nies m'għandhomx l-apparat elettroniku li aħna nużaw kuljum. X'tip ta' żvantaġġi u vantaġġi għandhom dawn il-ġnus meta tqabbilhom mal-Maltin?
- Kemm huwa minnu li t-teknoloġija tgħinna ħafna fil-ħajja tagħna ta' kuljum?
- Waħda mill-problemi li jissemmew fejn jidħol l-użu ta' din it-teknoloġija "l-ġdida" hi li bil-mobiles u l-apparat li jaqbad mal-internet, aħna dejjem infittxu informazzjoni ġdida, u donna ma ngħixux sew il-mument. Taqbel?
- Taqbel ma' dawk in-nies, anki żgħażagħ, li jirrifjutaw li jużaw il-mobile jew l-internet?
- Jista' jkun li waħda mis-soluzzjonijiet għall-problemi li qed niffaċċjaw minħabba l-użu kontinwu ta' dan l-apparat hi li l-edukazzjoni formali u informali tibda tgħallimna nikkontrollaw il-ħakma tat-teknoloġija fuq ħajjitna. Taqbel? Taħseb li dan possibbli?
- Taħseb li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar se jinfirex l-użu tat-telefonija ċellulari u l-internet? Jew taħseb li se jkun hemm reazzjoni kontra l-ħakma ta' din it-teknoloġiija fuq ħajjitna?

## 2. Youtube flok it-Televixin

- Taqbel li llum il-ġurnata ħafna tfal u żgħażagħ jippreferu jaraw il-videos fuq l-internet milli jaraw it-televixin?
- Jekk taqbel, għaliex taħseb li qed jiġri hekk?
- Taħseb li l-ġenituri ta' dawn it-tfal qegħdin iwarrbu t-televixin ukoll?
- X'tip ta' programmi televiżivi baqgħu popolari, anki fost iż-żgħażagħ, minkejja l-attrazzjoni ta' siti bħall-Youtube?
- X'rabta hemm bejn it-televixin u siti bħall-Youtube? Jista' jkun li dawn is-siti sempliċiment jirriproduċu dak li tara fuq it-televixin?
- Jew dawn is-siti joffru kontenut, programmi, servizzi, li ma tarahomx fuq it-televixin?
- X'tip ta' programmi jew servizzi jfittxu ż-żgħażagħ fuq siti bħall-Youtube? Jistgħu jsibuhom ukoll fuq it-televixin?
- Għandek esperjenza tat-televixin interattiv? X'taħseb fuqu?
- L-esperjenza tat-televixin interattiv kemm tixbah lil dik tal-Youtube?
- Taqbel li l-Youtube huwa iktar kreattiv u edukattiv għax dawk li jużawh jagħżlu huma x'programmi jaraw? Taħseb li f'dawn is-siti l-udjenzi jistgħu jevitaw iktar il-preżenza kontinwa tar-reklami?

## 3. L-Effetti tal-Qerda tan-Natura fuq il-Maltin

- Fil-gżejjer Maltin, l-ispazju tan-natura qiegħed dejjem jonqos u l-bini dejjem jiżdied. Din is-sitwazzjoni tqisha bħala problema għalik personali? Tqisha bħala problema għan-nies li jgħixu f'Malta b'mod ġenerali?
- Taħseb li din is-sitwazzjoni tista' taffettwa ħażin il-mod kif inġibu ruħna ma' xulxin fil-ħajja ta' kuljum? Tista' taffettwa l-mod kif ngħixu ħajjitna, il-kuntentizza tagħna?
- Taħseb li l-Maltin ftit li xejn għandhom il-ħin u l-opportunità biex jidħlu f'kuntatt man-natura?
- Jekk iva, għaliex taħseb li qed jiġri hekk? Minħabba l-ħakma tat-teknoloġija fuq ħajjitna?
- Hemm min jaħseb ukoll bil-kontra: li l-fatt li l-ħajja ta' kuljum ftit li xejn tlaqqagħna man-natura jġiegħel lin-nies ifittxu aktar in-natura, ngħidu aħna meta jkunu bil-vaganzi, jew meta jsiefru. X'taħseb? Inti tfittixha n-natura?
- Ħafna Maltin iħobbu l-baħar. Taħseb li l-kuntatt tagħna mal-baħar huwa "kuntatt man-natura"?
- Ir-razza umana bdiet min-natura u hija parti integrali min-natura. X'konsegwenzi jista' jkun hemm jekk il-bnedmin jaqtgħu l-kuntatt tagħhom man-natura, jiġifieri man-natura tagħhom stess, biex ngħidu hekk?
- Hemm min jaħseb li n-nuqqas ta' kuntatt tagħna man-natura jagħmilna iktar nervużi, iktar egoisti. Taqbel ma' dan l-argument? Għaliex taħseb li jista' jiġri hekk?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# DAWK LI M'GĦANDHOMX AĊĊESS GĦAT-TEKNOLOĠIJA L-ĠDIDA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# YOUTUBE FLOK IT-TELEVIXIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2015**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2015 |

**(10 marki)**

# GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

## L-EFFETTI TAL-QERDA TAN-NATURA FUQ IL-MALTIN

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 1 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## TAQSIMA A
## Il-Komponiment
(15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar **wieħed** minn dawn is-suġġetti:*

a. Il-flus qegħdin imexxu l-isports.

b. It-twemmin reliġjuż fost iż-żgħażagħ Maltin.

c. It-tagħlim tul il-ħajja.

d. Ritratt jgħid storja sħiħa.

e. L-uċuħ moħbija tal-Facebook.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## It-Traduzzjoni
(5 marki)

*Agħmel traduzzjoni xierqa b'Malti idjomatiku ta' din is-silta:*

The First World War adversely affected Maltese education. The schools were converted into hospitals, and less and less money was being spent on education. The real need for more widespread education among the Maltese was never so badly felt. There were no laws forcing parents to send their children to school. As a result, school attendance was very irregular; children were being withdrawn from school at a very early age. In spite of these attitudes, not enough places in schools were provided for all those children who wished to start attending school.

(Addattata minn *Heritage,* "Dr. Albert V. Laferla" ta' J. J. Camilleri)

## TAQSIMA Ċ
## Il-Lingwistika Maltija
(10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

a. Il-morfoloġija hija dik il-fergħa tal-lingwistika li tanalizza l-binja tal-kliem u l-mekkaniżmi li bihom insawru l-kliem. Iddiskuti b'eżempji xierqa.

b. Mal-mogħdija taż-żmien il-kliem jista' jibdel is-sens tiegħu. Uri dan b'referenza għall-ilsien Malti.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Fir-relazzjoni tiegħu mal-pajsaġġ il-poeta sikwit jikxef il-qagħda ġewwiena tiegħu billi jittrattah bħallikieku hu persuna. Huwa jixħet fih l-kwalitajiet morali li hemm fil-bniedem. Iddiskuti.

b. Il-poeti Maltin jibnu stampa partikulari tal-ġens Malti li tqis kemm il-kwalitajiet sbieħ ta' Malta bħala pajjiż u l-kwalitajiet tajbin tal-poplu, kif ukoll ix-xejriet umani u ambjentali li huma jħossu li jeħtieġ li jkunu kkritikati.

## TAQSIMA B
## Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Il-poeżiji ta' Pawlu Aquilina sikwit jieħdu x-xeħta ta' djarju personali li fih huwa jesprimi s-sentimenti tiegħu dwar il-persuni u t-tiġrib tagħhom.

b. Il-poeżiji kollha ta' Pawlu Aquilina jistgħu jitqiesu bħala poeżija waħda li tagħraf fl-ambjent naturali dak kollu li hu tajjeb u sabiħ.

ċ. Maria Grech Ganado tirrifletti fuq soċjetà li sikwit tinjora l-individwalità u d-dinjità tal-bnedmin. Iddiskuti.

d. Il-poeżija ta' Maria Grech Ganado tista' titqies bħala wirja mlewna ta' kwadretti li lkoll għandhom xi ħaġa, id-delużjoni, li torbothom ma' xulxin waqt li fl-istess ħin tagħżilhom minn xulxin.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ poeżiji.*

*Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwar il-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun analizzata fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.*

### (a) JIEN NAF POST

Jien naf post
fejn kiber is-sagħtar
u mal-irdum
iddendlu x-xtieli tal-kappar
fejn il-ħarsa timraħ fuq il-baħar
u t-tfal jittawlu f'xfar il-bjar;
jien naf post fejn is-siġra taż-żebbuġa
tiżżarġan fuq il-ħajt tas-sejjieħ
u l-bajtar imejjel rasu
mar-riħa tal-bettieħ,
u t-tfal jieqfu jilagħbu
fil-wita għall-mistrieħ;
jien naf post fejn in-narċis jikber
u jfewwaħ il-mogħdijiet
għat-tfal jirgħu l-merħla
man-niżla tal-għoljiet;
jien naf post li ntradam
u nqered bil-progress
u f'qalbi ż-żmien li gerbeb
qatt, qatt ma nitfa mess,
hemmhekk tikber peprina
b'fwieħa tal-ġiżimin
li qatt u qatt ma nqatgħet
mit-tfal ċkejknin, ċkejknin.

Joe Axiaq

**JEW**

(b) **Mal-Ħġieġ Nonfoħ**

tajtek idi – ħa żżommni u ġġorrni
u bqajt hemm – idi mġebbda – tissielet max-xej’
toħlom bik saħħar xwejjaħ indjan
ħa tfejjaqni

jien nobsor li għadek titbandal
– għax għadni nisma’ għadmek ifaqqa’
bħalma għadni nxomm nifsek iħarħar

u nonfoħ mal-ħġieġ hi u nieżla x-xita
– inġibek hemm ta’ kull darba
u nerġa’ – noħroġ idejja
– ħa nħoss xagħrek griż bejn subgħajja
u int terġa’ wkoll

*– tiżżelleġ tiċċajpar u tgħib*

Simone Inguanez

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2015

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2015 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Fid-dramm *Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, il-President jitlob li l-aħbar tal-mewt ta' Andrea ma toħroġx qabel ma tiftaħ l-inkjesta uffiċjali. Jitlob ukoll li qabel issir inkjesta mhux uffiċjali minn ftit nies magħżulin minnu. Għaliex taħseb li jagħmel hekk? Kemm taħseb li jintlaħaq l-iskop tal-President?

b. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, Banerji jiddeskrivi lil Portelli bħala "logotenent" ta' Andrea, u Portelli hekk iġib ruħu. Iżda lejn l-aħħar tad-dramm, Portelli donnu jinsa malajr il-lealtà tiegħu lejn Andrea. Il-bidla f'salt fil-pożizzjoni politika tiegħu tirrifletti l-attitudni tal-karattri lejn il-verità u l-konsistenza fiċ-ċrieki tal-poter. Iddiskuti.

ċ. Uri kif l-abitanti tal-belt fejn iseħħ id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer huma maħkumin mill-figura ta' Ludilla B.

d. Menz seta' miet mewta naturali jew ingħata l-velenu minn Tereża. Iddiskuti d-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer fid-dawl ta' dan it-tmiem inċert tiegħu.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Minħabba l-interessi materjali, skont Lino Spiteri f'*Ħala taż-Żgħożija*, il-poplu Malti ħalla l-iżvilupp igerrem il-pajsaġġ bħalma "ġurdien imġewwaħ igerrem biċċa ħobż niexfa" ("Riħ Qalb il-Lellux"). Iddiskuti.

b. Uri kif f'*Ħala taż-Żgħożija* ta' Lino Spiteri, il-qerda tal-pajsaġġ hija marbuta mat-tkissir psikoloġiku tal-protagonisti.

ċ. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, il-protagonista jgħaddi miċ-ċertezza ta' min ma jafx għall-inċertezza ta' min jaf. Iddiskuti.

d. Fil-mixja tiegħu lejn l-għarfien, Leli jistaqsi jekk wieħed jistax jiftaħ moħħu għall-fehmiet moderni kbar u fl-istess ħin jibqa' jemmen. Iddiskuti din id-dilemma fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.*

*F'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.*

### (a)

Meta jien u Hannah iddeċidejna li minn guesthouse nibdlu Dar ir-Rummien f'residenza għall-artisti konna ħsibna li kkunsidrajna kulma kien hemm x'tikkunsidra – il-potenzjal tad-dar, id-domanda għal residenzi simili f'post li jgawdi x-xemx is-sena kollha, il-pjaċir li tilqa' f'darek artisti minn madwar id-dinja, il-konversazzjonijiet twal magħhom filgħaxijiet u l-ferħ li darek tkun qed tispira lil xi ħadd joħloq xi ħaġa. Iżda, fuq kollox, ħsibna li għal Joy kienet tkun esperjenza unika li titrabba mdawra bl-artisti. Irraġunajna li fuq gżira tant żgħira, fejn mużewijiet ma jeżistux – għajr wieħed kollu ġebel b'xi ħut u dgħajjes imnaqqxin fuqu – ir-residenza kienet se tkun għat-tifla mużew ħaj. Li ma qisniex kien biss ħaġa waħda – li Joy ma kenitx se tibqa' tifla ċkejkna għal dejjem u li l-artisti għandhom ħabta jisirqu l-qlub.

Illum Joy għandha 13-il sena iżda tidher akbar. Mill-Mediterranjetà tiegħi ħadet l-impulsività, l-ebusija tar-ras u l-ferħ lejn il-ħajja. Minn ommha ħadet il-bqija, inkluż is-sbuħija. B'dawk in-nokkli sofor qishom noti mużikali qed jaqgħu fuq spallejha, il-wiċċ bajdani u perfett, ix-xufftejn kbar u ħomor u par għajnejn qishom il-Blue Lagoon fis-sajf, mhux faċli ma tinġibidx lejn tfajla bħal Joy. L-istess kif ma kenitx diffiċli għalija ninġibed lejn ommha. Biex tgħaxxaq, Joy kibret mimlija ideat,

tħobb tartikola ruħha, targumenta u tesperimenta, toħlom u twettaq, tiżfen u tkanta. Iżda fl-istess waqt tfittex il-mixjiet twal weħidha, tħoss il-bżonn li taħseb u tirrifletti, u jekk tingidem araha tingħalaq f'qoxritha għal ħinijiet twal. Sakemm issib xi klipp tad-daħk fuq YouTube u tgħajtilna biex immorru narawha. Jew tilmaħ xi farfett ikkulurit fuq is-setaħ tad-dar u tipprova tiġbdilna l-attenzjoni bla ma tħalli l-farfett jintebaħ. Kultant tkun qisha tifla żgħira, tifraħ bl-iżjed affarijiet normali, bħall-wasla tal-pitirross fix-xitwa jew il-mixja lura d-dar ta' bebbuxu kbir tiela' ma' ħajt jew stilla maqtugħa mill-bqija f'nofs lejl sajfi. Drabi oħra toħroġ b'kumment li jissummak u li jfakkrek li Joy qed issir mara.

(Minn "Dar ir-Rummien" ta' Pierre J. Mejlak)

**JEW**

**(b)**

Sister Michael bilqiegħda mal-iskrivanija. Qed tiffirma xi karti. Tidħol Sonia bil-bagalja tal-iskola f'id waħda u l-kotba fl-id l-oħra. Il-Madre tagħmlilha s-sinjal biex tpoġġi. Sonia tpoġġi bilqiegħda. Rasha baxxuta. Tpoġġi l-bagalja ħdejn is-sieq tas-siġġu. Il-kotba f'ħoġorha. Il-Madre tistaqsiha xi trid. Tgħidilha biex ma taħlilhiex wisq ħin. Sonia tgħidilha li ma tridx tibqa' *casual teacher* imma tixtieq issir *full time teacher*. Il-Madre tgħidilha li dawn huma żminijiet diffiċli u kulħadd qed jissikka ċ-ċintorin, m'hemmx post għal *full time*. Sonia tgħidilha li l-Gvern offrielha *full time*. Il-Gvern? Trid tmur tgħallem mal-Gvern? Tagħżel li tgħallem mal-Gvern? Liema skola tal-Gvern hija aħjar minn din? Sonia, b'rasha baxxuta, tgħidlha li r-raġel qiegħed fuq strajk u li għandhom bżonn il-flus biex imantnu l-familja. Il-paga ta' *casual* ma sservix. Il-Madre tqum u ssabbat idejha t-tnejn mal-iskrivanija. Sonia taqbeż kemm kemm fuq is-siġġu. Rasha togħla kemm kemm mat-tisbita. Imbagħad terġa' titbaxxa. Is-soru tgħajjat, Mela mur għallem it-tfal tal-komunisti la trid hekk. U terġa' ssabbat idejha mal-iskrivanija. Jidħol raġġ xemx dgħajjef. Jaqa' fuq Sonia. Tqum Sonia u toħroġ mill-uffiċċju. Kalma. Tibqa' sejra dritt lejn il-bieb ta' barra. Tibda tħaffef il-pass issa. Tiftaħ il-bieb u tagħlqu b'tisbita warajha. Hi u ħierġa mill-grada tara żewġt ibniet qed iħassru l-ittri pdm miżbugħa bl-iswed mal-ħajt tal-iskola. Tibda traxxax ix-xita.

(minn "Margaret [storja fi tnax-il biċċa]" ta' Clare Azzopardi)